# KULLEĠĠ T'GĦAWDEX

## EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2011

| Ir-Raba' Sena | RELIĠJON | Ħin: Siegħa |
|---|---|---|

## Karta tal-Istudent/a

Isem u Kunjom: ______________________________

Klassi: ______________________________

A. **F'dawn is-sentenzi, immarka b'sinjal (✓) fil-kaxxa ħdejn l-aħjar tweġiba.** (10 marki)

Eż: Nidhru aktar mis-soltu li aħna l-familja ta' Alla meta nieħdu sehem:

| | | |
|---|---|---|
| a. | fil-quddiesa | ✓ |
| b. | fil-purċissjoni | |
| c. | fil-kant | |



1. L-ewwel parroċċa f'Malta kienet fl-inħawi:

| | | |
|---|---|---|
| a. | tal-Mellieħa | |
| b. | tal-Imdina | |
| c. | tal-Mosta | |

2. San Pawl ħalla warajh lil:

| | | |
|---|---|---|
| a. | San Pietru | |
| b. | San Publiju | |
| c. | San Ġwann | |

3. Ir-rgħajja ta' wara l-Appostli huma:

| | | |
|---|---|---|
| a. | d-dixxipli | |
| b. | l-isqfijiet | |
| c. | l-insara | |

4. Aħna dħalna fil-knisja ta' Ġesu` meta ħadna:

| | | |
|---|---|---|
| a. | l-Ewkaristija | |
| b. | l-Griżma tal-Isqof | |
| c. | l-Magħmudija | |

5. Biex ikunu appostli tiegħu, Ġesu għażel:

| | | |
|---|---|---|
| a. | tnax-il raġel | |
| b. | sebat irġiel | |
| c. | erbat irġiel | |

6. Wara li Ġesu` tela' s-sema, l-Appostli ħasewhom:

| | | |
|---|---|---|
| a. | ferħanin | |
| b. | waħedhom | |
| c. | imkabbrin | |

7. Fil-familja ta' Ġajru, Ġesu` ġab:

| | | |
|---|---|---|
| a. | ferħ kbir | |
| b. | skiet kbir | |
| c. | inkwiet kbir | |



8. Ġesu` jridna:

| | | |
|---|---|---|
| a. | niġġieldu ma' xulxin | |
| b. | ngħajru lil xulxin | |
| c. | ngħinu lil xulxin | |

9. Fil-knisja għandna:

| | | |
|---|---|---|
| a. | noqogħdu nitkellmu | |
| b. | nħarsu 'l hawn u 'l hemm | |
| c. | nġibu ruħna sew | |

10. Ġesu` bagħat lill-Appostli biex ixandru t-tagħlim sabiħ tiegħu:

| | | |
|---|---|---|
| a. | mal-Ewropa biss | |
| b. | ma' Malta biss | |
| c. | mad-dinja kollha | |

**B. Ikteb 'Veru' jew 'Mhux veru'** (5 marki)



Eż: Fost il-missjunarji hemm ħafna Maltin. Veru

1. Lill- Ġesu` aħna rridu nħobbuh. _______________

2. Fuq il-post fejn difnu lil San Pietru, l-insara bnew knisja kbira.

   _______________

3. Fit-tieġ ta' Kana, Ġesu` fejjaq lit-tifla ta' Ġajru. _______________

4. Ir-rgħajja ta' wara l-Appostli huma l-Isqfijiet. _______________

5. Ġesu` jieħu ħsieb l-għasafar u l-fjuri aktar milli jeħu ħsiebna.

   _______________

---

**Ċ. Kompli dan ir-rakkont. Il-kliem li ssib wara dan ir-rakkont jgħinek.**
(10 marki)

Sar tieġ f'Kana tal- __________ u omm Ġesu` kienet hemm. __________ kien mistieden għat-tieġ ukoll. Billi ma kienx hemm biżżejjed inbid, Marija qalet lil Ġesu` : "M'għandomx inbid". Imbagħad qalet lill- __________: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu".

Issa kien hemm __________ ġarar tal-__________. Ġesu` qal lill-qaddejja, "Imlew il-__________ bl-ilma". Il-qaddejja mlew il-ġarar sax-__________. Imbagħad Ġesu` qalilhom. "Issa ħadu minnu u newluh lil dak li qieħed jieħu __________ il-mejda. U huma marru jagħtuhulu. Dak daq __________ u sab li kien mibdul f'__________.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| ħaġar | ġarar | qaddejja | ħsieb | Galilija | ~~Kana~~ |
| xifer | l-ilma | Ġesu` | sitt | inbid | |

---

D. **<u>Semmi x'jisimhom</u>** (10 marki)

Eż: It-talba li għallimna Ġesu` stess: <u>Il-Missierna</u>

1. Il-kwadri li jfakkruna fil-Passjoni u l-Mewt ta' Ġesu`: ________________
2. Il-mejda li fuqha ssir l-ikla tal-Mulej: ________________
3. Il-post minn fejn tinqara l-kelma t'Alla u min fejn is-saċerdot ifissirilna: ________________
4. Il-post fejn inqerru: ________________
5. Fih, is-saċerdot iferra' l-inbid waqt il-quddiesa: ________________
6. Ir-Ragħaj it-Tajjeb tagħna: ________________



7. Knisja żgħira: ________________
8. L-ewwel papa: ________________
9. Din gidmet lil Pawlu f'idu: ________________
10. Xemgħa kbira li tinxtegħel f'Sibt il-Għid u matul is-sena tkun ħdejn il-fonti tal-Magħmudija: ________________

---



**E.** **<u>Semmi</u>** (10 marki)



Eż: Żewġ Appostli

a: <u>Pietru</u>

b: <u>Ġwanni</u>

1. Żewġ affarijiet li nagħmlu fil-Knisja:

a: ______________________________

b: ______________________________

2. Żewġ tpinġijiet li l-insara tal-bidu kienu jagħmlu fil-katakombi:

a: ______________________________

b: ______________________________

3. Żewġ pajjiżi fid-dinja fejn insibu l-Missjunarji Maltin:

a: ______________________________

b: ______________________________

4. Żewġ Sagramenti li inti diġa rċivejt:

a: ______________________________

b: ______________________________

5. Min imexxi l-familja ta' Alla:

a: f'Malta: ______________________________

b: f' Għawdex: ______________________________

**F** **Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.** (10 marki)

"Ħbieb tibżgħux: ħadd mhu se jagħraq. Bil-lejl deherli anġlu u qalli li ħadd mhu se jintilef. Qalli wkoll li l-ġifen se jkollu jaħbat ma' gżira."

Eż: Min deherlu li San Pawl waqt il-vjaġġ lejn Ruma?

<u>Deherlu anġlu.</u>

1. Min qal dan il-kliem u lil min?

______________________________________________

2. Min fejn telaq Pawlu?

______________________________________________

3. Fejn kien sejjer?

______________________________________________

4. Għaliex kien sejjer hemm?

______________________________________________

5. Kemm dam Malta San Pawl?

______________________________________________



**Ġ. Imla l-vojt b'dawn il-kelmiet.** (10 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| tajjeb | annimal | ragħaj | kollox |
| joħroġhom | ~~jgħallem~~ | ferħanin | xejn |
| ħsara | jixorbu | inħobbkom. | |

Darba, waqt li Ġesu` kien qed jgħallem lid-dixxipli tiegħu, għadda

_____________ bin-nagħaġ mexjin warajh. Ġesu` qalilhom: "Jien

_____________ u nieħu ħsiebkom bħal dak ir-ragħaj _____________. Ir-

ragħaj tajjeb jaf in-nagħaġ tiegħu waħda, waħda, _____________ biex isibu

x'jieklu u x' _____________ u jara li ebda _____________ ma jagħmlilhom

_____________. Meta r-ragħaj ikun magħhom, in-nagħaġ ma jibżgħu minn

_____________. Huma jkunu _____________ li hemm min jieħu ħsiebhom f'

_____________.

---

**G. Ikteb talba lil San Pawl biex ikompli jieħu ħsieb il-knisja ta' Malta.** (5 marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

**GĦ. Din l-istampa turi l-familja ta' Ġesu`. Irrispondi dawn il-mistoqsijiet dwar Ġesu`.** (10 marki)



Eż: Lil Marija, min ħabbrilha li kellha tkun Omm Alla?

L-Anġlu Gabriel.

1. Fejn twieled Ġesu`?

_______________________________________________

2. Min kienu l-ġenituri tiegħu?

_______________________________________________

3. Fejn kien imur skola Ġesu`?

_______________________________________________

4. Semmi żewġ eżempji kif Ġesu` kien iħobb lill-ġenituri tiegħu?

a: _______________________________________________

b _______________________________________________

5. Liema kmandament inkunu qegħdin nobdu meta nġibu ruħna tajjeb fil-familja tagħna?

_______________________________________________

_______________________________________________

**H. Kompli dawn is-sentenzi** (10 marki)

Eż: Il-knisja li qegħdin fiha aħna għamilha Ġesu`.

1. Il-katakombi nsara li għandna Malta ______________________________

______________________________________________

2. L-'agape table' tinsab ______________________________

______________________________________________

3. Publiju kien ______________________________

______________________________________________

4. Biex tkompli tieħu ħsieb il-foqra, il-knisja ______________________________

______________________________________________

5. Il-knisja li fiha niltaqgħu ______________________________

______________________________________________

---

**Ħ. Ikteb ĦAMES sentenzi fuq l-Ispirtu s-Santu.** (10 marki)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________